MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 211/1999/1

Rupert Mizzi

vs

Kurt Galea Pace,
Atlas Insurance Agency Limited u dina
Għan-nom u in rappreżentanza tal-
Assikurazzjoni estera bl-isem
Axa Insurance Plc.

Il-Qorti,

PRELIMINARI

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi fil-11 ta’ Gunju 1998, l-attur kien qiegħed jaqsam Tower Road, Sliema, Malta quddiem il-Lukanda Carlton minn fuq iż-żebra Crossing meta huwa safa’ mtajjar minn vettura,

numru ta’ reġistrazzjoni: KGP 444 tal-marka Range Rover misjuqa mill-konvenut, Kurt Galea Pace;

Illi minħabba l-inċident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, l-attur sofra kemm danni materjali kif ukoll danni fi kwalita’ ta’ lucrum cessans u telf ta’ xogħol u dana minħabba feriti li wasslu għal debilitazzjoni fuq persuntu, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-kawża, liema feriti huma aħjar deskritti fir-rapport mediku ta’ Mr. James N. Casha hawn anness u markat bħala Dokument “A”;

Illi għal l-istess inċident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi jaħti l-konvenut, Kurt Galea Pace li kien qiegħed isuq l-istess vettura bi traskuraġni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi wkoll is-soċjeta’ assikuratriċi tal-konvenut, Atlas Insurance Agency Limited daħlet fi trattattivi mal-attur dwar il-kumpens lilu dovut minħabba l-inċident stradali hawn fuq imsemmi, iżda sal-lum għadha tirrifjuta li tħallas lill-attur il-kumpens ġust lilu dovut minħabba d-danni kollha minnu hekk sofferti minħabba l-inċident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-inċident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi ġara unikament tort u ħtija tal-konvenut Kurt Galea Pace;

2. Tillikwida, għalhek, id-danni kollha sofferti lill-attur minħabba l-inċident awtomobilistiku hawn fuq imjsemmi, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fil-kwalita’ ta’ lucrum cessans u telf ta’ xogħol, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-istess kawża;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti, in solidum bejniethom li jħallsu lill-attur id-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Settembru, 1999 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li minn issa huma mħarrka. Bl-imgħaxijiet ukoll skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta Atlas Insurance Agency Limited fil-kwalita' premessa, li eċċepiet illi:

1. Illi fl-ewwel lok is-soċjeta' Atlas Insurance Agency Limited ma tistax tiġi kundannata responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża u konsegwentement għall-ħlas ta' danni lill-attur.

2. Illi bl-operat tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jiġi kundannat responsabbli għall-ħlas il-konvenut Kurt Galea Pace u bin-notifika taċ-ċitażżjoni odjerna jiskatta r-responsabilita' għall-ħlas li joħroġ mid-dettam tal-Kapitolu msemmi minħabba l-polza ta' assikurazzjoni viġenti bejn Kurt Galea Pace u Atlas Insurance Agency Limited.

3. illi bla preġudizzju għas-suespost għall-inċident mertu ta' din il-kawża kien jaħti unikament l-attur innifsu.

4. salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta' konvenuta maħlufa minn Stephen Conti.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut l-ieħor Kurt Galea Pace li, minkejja li ġie notifikat biċ-ċitazzjoni fit-22 ta' Diċembru 1999, għażel li jibqa' kontumaċi.

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Mejju 2000 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Charles Grixti bħala espert ortopediku sabiex jirrelata dwar is-saħħa ta' l-attur.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku ppreżentata fl-24 ta' Novembru 2000 u minnu maħlufa fis-7 ta' Novembru 2006.

Rat in-nota ta' l-attur ta' l-4 ta' Jannar 2001 illi biha, peress li ħass ruħu aggravat bir-rapport ta' l-ewwel espert mediku talab in-nomina ta' periti addizzjonali.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Frar 2001 fejn, peress illi sadanittant l-attur kien qed jallega illi kawża ta' dan l-inċident, sofra wkoll debilita' mentali, innominat bħala periti addizzjonali lill-psikjatri Dr. David Cassar u Dr. Joseph Attard, u lill-kirurgu Mr. Carmel Sciberras.
Rat ir-Rikors ta' dawn l-esperti tat-8 ta' Mejju 2002 fejn talbu li jiġi nominat newrologu biex jassistihom.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Mejju 2002 fejn laqgħet din it-talba u nnominat lin-newrologu Dr. Norbert Vella biex jassisti lil dawn l-esperti.

Rat ir-rapport ta' l-espert Dr. Norbert Vella ppreżentat fil-5 ta' Novembru 2002 u minnu maħluf fit-30 ta' Gunju 2003.

Rat ir-rapport ta' l-esperti addizzjonali ppreżentat fil-11 ta' Gunju 2003 u maħluf minn Dr. Attard u Mr. Sciberras fid-9 ta' Gunju 2003 u minn Dr. Cassar fl-10 ta' Gunju 2003.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur in segwitu għal inċident stradali li fih il-vettura misjuqa mill-konvenut Galea Pace investiet lill-attur waqt li dan kien qed jaqsam it-triq minn fuq *pedestrian crossing* u konsegwenza ta' hekk, huwa sofra ġrieħi ta' natura permanenti fuq il-persuna tiegħu. L-azzjoni esperita hi

għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendi li hu l-każ preżenti l-attur.[2]

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:
"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero',si dice,che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

FATTI

L-inċident mertu tal-kawża ġara waqt li l-attur kien qed jaqsam it-triq bil-kelb tiegħu minn fuq *pedestrian crossing* fi Triq it-Torri, tas-Sliema fil-11 ta' Gunju 1998 għal xi l-5.30 p.m. Il-konvenut Galea Pace, li kien qed isuq il-vettura tiegħu tat-tip Land Rover Discovery matul l-istess triq, laqat lill-attur u tefgħu fl-art.[4] B'konsegwenza ta' dan, l-attur, għalkemm apparentement ma kien jidher li kellu xejn gravi, u nfatti kien l-istess konvenut li wasslu sa l-eqreb ċentru tas-saħħa, weġġgħa' f'diversi partijiet ta' ġismu u spiċċa anke b'debilita' permanenti f'saħħtu.[5]

PROVI DWAR L-INCIDENT

Mill-okkorrenza tal-Pulizija in konnessjoni ma' dan l-inċident stradali, jirriżulta illi **l-attur** meta kellmuh il-Pulizija l-isptar, spjega xi ġralu bil-mod segwenti : "*Victim …*

[1] 44 Dig. Del leg. aquil. IX, 2
[2] art. 1033 Kap. 16
[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II. # 18 p. 32 - 33 .
[4] ara rapport ta' l-okkorrenza relattiva Dok. JG a fol. 154 tal-process, u skizz tal-lokal ta' l-incident a fol. 286 /
[5] ara rapport ta' l-esperti mediċi addizzjonali a fol. 90 – 96 .

*stated that as he was crossing the road, he looked at the left and the right and left again and on seeing the road clear he started to cross the road when all of a sudden car no. KGP 444 came from his right and hit him. He requested that he be conveyed to his home and afterwards was conveyed to Gzira Health Centre by same driver*."

**Il-konvenut** Galea Pace qalilhom illi: "… *due top direct sunlight his vision was blurred and when he was near the zebra crossing, all of a sudden he noticed that he had hit some-one. He stopped to help him and upon his request he took the victim first to his home and later to Gzira Health Centre*."

Xhud okulari **Carmelo Costa** qalilhom illi: ".. *he had already crossed the road, when he turned round and noticed that Rupert was hit by a car and went near him to assist him. He then offered Rupert to take his dog at home and heard the petrol pump attendant saying that the ambulance is on its way. Then he saw the driver getting Rupert into his car and conveying him*."

Fid-depożizzjoni li ta waqt is-smiegh tal-kawża, l-attur żamm bejn wieħed u l-ieħor l-istess verzjoni. Huwa żied illi x'ħin ittajjar, kien ġia qiegħed fuq il-*lane* ta' min ikun ġej mid-direzzjoni opposta. Il-konvenut ġie fuqu ħabta u sabta u rah biss wara li rċieva d-daqqa.[6]

Il-konvenut biddel xi ftit il-verżjoni u ma semma xejn dwar ix-xemx li suppost tellfitlu mill-viżwali. Infatti qal li: "… *meta kont għaddej lejn San Giljan, rajt bniedem b'kelb qed jistenna biex jaqsam u meta kont viċin iż-zebra crossing jew il-kelb gibdu jew hu beda jimxi, qasam quddiemi, ma tanix ċans nibbrejkja fil-fatt. Fil-fatt ibbrejkjajt, thank God kelli dik il-karozza, stajt nieqaf malajr u lqattu ftit b'quddiem. Waqa' ma' l-art, ħriġt mill-karozza, reġa' qam, staqsejtu jekk hux all right, hu qalli 'all right'…*" [7] Imbagħad x'ħin ġie mfakkar x'kien qal lill-

[6] ara xhieda ta' l-attur a fol. 185 .
[7] ara xhieda tal-konvenut Galea Pace a fol. 176 .

Pulizija, iġġustifika l-fatt li ma waqafx minkejja li ma kienx qed jara sew, għax inkella kienu jibqgħu deħlin fih il-karozzi ta' warajh.[8]

Carmelo Costa spjega fl-affidavit tiegħu illi fil-ħin ta' l-inċident kien qed jippassiġġa f'Tower Road fuq in-naħa tal-baħar u nnota l-attur "… *jaqsam it-triq mill-faċċata ta' fejn kont jien għan-naħa tal-baħar. Hu kien qiegħed fuq iż-żebra crossing fin-nofs tagħha meta lmaħt Landrover ġejja lejn iż-żebra crossing fid-direzzjoni tal-Balluta. Hu baqa' ġej u żamm brake biss fl-aħħar mument qabel ma tajjar lil Rupert Mizzi. Bid-daqqa Rupert Mizzi għola u nstabat ma' l-art, viċin il-Landrover. Għalkemm il-Landrover ma kienx għaddej bi speed għoli iżda kien qisu ma raħx lil Rupert Mizzi f'nofs it-triq tant li żamm brake viċin ħafna taż-żebra crossing. Ma kien hemm ebda ostakolu bejnu u Rupert Mizzi li seta jżommu milli jarah…*" [9]

Xhud okulari ieħor kien il-*petrol pump attendant* Joseph Cutajar spjega kif l-attur kien wieqaf bil-kelb quddiem iż-żebra crossing fejn il-pompa tal-petrol u mbagħad rah jittajjar, imma lill-vettura li tajritu ma rahiex ġejja għax dak il-ħin kien dahru lejha.[10]

RESPONSABILITA'

Il-Malta Highway Code jgħid illi: "*Pedestrians have responsabilites for the proper use of the road. They may be liable for the consequences to themselves or to others through their failure to observe the Highway Code*."[11] Fl-istess kodiċi huwa rakkomandat lill-*pedestrians* illi: "*Before you cross, stop at the kerb,look right, look left and right again. Do not cross before the road is clear, then cross in the shortest line, keeping a careful lookout all the time…. Complete the crossing only when the road is clear*." [12]

---

[8] ibid. a fol. 177
[9] ara affidavit Dok. C a fol.10
[10] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 140 – 141 .
[11] para. 13 H.C.
[12] para. 21 ibid .

Ġie ribadit mill-Qrati tagħna illi f'materja ta' investiment ta' *pedestrians* l-indaġni li trid issir hi duplici, jigifieri tant dwar il-kondotta fis-sewqan tad-*driver*, biex jiġi determinat jekk għamilx xi manuvra nkolsulta u negliġenti li ma jmissux jagħmel, kemm dwar il-moviment tal-*pedestrian* ħalli jiġi determinat jekk kienx l-agir tieghu li wassal ghal dak li gara, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif emergenti mill-provi kollha tal-proċess.[13] Il-kriterji ta' diliġenza li trid tintuża sew mis-sewwieq ta' vettura kif ukoll mill-pedestrian ġew stabiliti kil-ġurisprudenza bil-mod segwenti:

(1) *Driver* għandu juża d-diliġenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq anke jekk il-*pedestrian* jaqsam negliġentement u għalhekk għandu jiġi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tiegħu b'mod li jkun poġġa ruħu f'pożizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' *pedestrain*. Il-każ li fih id-*driver* jista' jkun eżentat mir-responsabilita' hu dak biss fejn il-*pedestrian*, b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'oħra b'xi għemil tiegħu, ikun qiegħed lid-*driver* f'pożizzjoni li, anke bl-użu tad-diliġenza meħtieġa, dan ma setax assolutament jevita l-investiment.[14]

(2) Il-*pedestrian* għandu ċertament drittijiet fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, imma għandu wkoll obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'pożizzjoni ta' emerġenza subitanea, minħabba fih, dak id-*driver* ma għandux jiġi ritenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* f'dik il-konsegwenza.[15]

(3) Il-*pedestrian* għalkemm għandu dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam *'with reasonable*

[13] Appell Civili : Melita armla ta' Joseph Vella et vs Anthony Camilleri et : 30.1.1976 .
[14] Pulizija vs Dockyard PC 347 Carmel Mifsud : App. Krim. 26.6.1954 vol. XXXVIII p. IV p. 859
[15] Pulizija vs Alfred Caruana : App.Krim.14.5.1955 vol. XXXIX P. IV p. 1031

*dispatch'*. Aktar u aktar teħtieġ dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta si tratta ta' *uncontrolled crossing*.[16]

(4) Hu veru li anki l-*pedestrian* għandu d-doveri tiegħu fit-traffiku stradali; imma biex *driver* ta' karozza li jinvesti *pedestrian* u jikkaġunalu offiżi fuq il-persuna tiegħu jista' jiskolpa ruħu, jeħtieġ li jirriżulta li l-kawża unika u determinanti ta' l-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-*pedestrian* li ġie milqut; u ma tistax tiġi invokata mid-*driver* l-iskriminanti ta' l-emerġenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' l-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegewenzi ta' l-emerġenza. Il-konduċenti ta' vetturi ma għandhomx jippreżumu normalita' perfetta ta' komportament tal-*pedestrian*, imma għandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontinġenzi stradali u jirregolaw il-veloċita' tagħhom b'marġini suffiċjenti ta' sikurezza.[17]

Kif jammetti l-istess konvenut Galea Pace, huwa ma rax lill-attur fit-triq, għax kif dar il-liwja li hemm f'dik il-parti tat-triq,[18] sab ix-xemx ma' wiċċu u għamietu. Infatti x'ħin induna bih proprju fl-aħħar mument qabel il-ħabta, għafas il-*brakes* u rnexxielu jieqaf, ghalkemm ma rnexxielux jevitah għal kollox. Dan pero' ma jiskopihx mill-ħtija, għax l-obbligu tiegħu bħala sewwieq ta' vettura, u speċjalment meta kien qed isuq vettura ta' ċertu kobor bħal ma kienet il-Land Rover, kien illi jżomm f'kull mument *a proper look out* ta' dak kollu li kien hemm fit-triq minn fejn kien għaddej. Kif rajna, huma prinċipji stabiliti fil-ġurisprudenza illi kull sewwieq għandu f'kull waqt tas-sewqan tiegħu jżomm dak li jissejjaħ *a proper look out*, senjatament qabel, fil-mument u waqt li jkun qed jagħmel xi manuvra. Hekk ukoll għandu jirregola s-sewqan tiegħu skond il-kondizzjonijijiet u ċ-ċirkostanzi li jkun jinsab fihom.[19] Ġie

---

[16] Pulizija vs Joseph Formosa : App. Krim. 4.4.1959 vol. XLIII. P. IV p. 1027 .

[17] Pulizija vs George Muscat : App. Krim. 6.5.1961 vol. XLV P. IV p. 947 .

[18] ara pjanta a fol. 287 .

[19] Prim'Awla : Stefan Bonello vs Carmelo Abela : 21.10.2002 ; Richard Fenech vs Rook Construction Ltd. : 3.10.2003; Hoti Lal vs Jospeh Dingli : 1.4.2003 ; Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joe Camenzuili : 26.4.2001 u Untours Insurance Agents Ltd. vs Etienne Saliba: 29.1.2004 .

ribadit ukoll illi: "*Id-dover tas-sewwieq li jżomm **a proper look out** tfisser li min isuq irid ikun f'kull ħin konxju ta' dak li kien qed jiġri madwaru fit-triq, b'mod li jkun f'pożizzjoni li tempestivament jirreaġixxi għal kull eventwalita'*."[20] Fil-każ in eżami l-konvenut Galea Pace jipprova jiskolpixxi ruħu bil-fatt li għalkemm għamietu x-xemx baqa' għaddej, għax inkella kienu jidħlu ġo fih il-vetturi ta' warajh. Imma jekk ma kienx qed jara x'kien hemm quddiemu kellu jieqaf, jew ta' l-inqas inaqqas kemm jista', iniżżel is-*sun shield* ta' fuq il-*windscreen* (ħaġa li jammetti li ma għamilx) u jagħmel kull mezz biex jassikura ruħu li ma jibqgħax għaddej qabel ma jkollu viżwali tajba tat-triq.

Jibqa' biss sabiex jiġi nvestigat jekk kienx hemm xi ħtija kontributorja da parti ta' l-attur stess. L-obbligi tal-*pedestrian* f'ċirkostanzi pjuttost simili, ġew spjegati sewwa fil-ġurisprudenza bil-mod segwenti:

"*Il-pożizzjoni għalhekk tista' tiġi kristalizżżata f'dawn il-kliem tal-istess awtur (Gibb) loc. ċit: 'It often happens that the motorist does not see the pedestrian until he is close upon him and there is no time to do anything to avert the collision. In such a case, it is necessary to know whose fault it was that the pedestrian was not observed sooner. It may be the fault of either the pedestrian or the motorist, and the liability will very accordingly. The driver of the car may be negligent because of his failure to see the pedestrian as soon as he should, but on the other hand, the fault is often with the pedestrian, as where he suddenly and unexpectedly darts in front of the car'.*" [21]

Imma kif rajna, l-attur dejjem sostna li huwa ha l-prekawzjonjiet kollha qabel ittenta li jaqsam it-triq. Waqaf ħdejn iż-*żebra crossing* u qabel ma qasam ħares f'kull direzzjoni w aċċerta ruħu li seta' jipproċedi. Qasam minn fuq l-istess *crossing*, u nfatti laħaq wasal sa iżjed minn nofs il-wisa' tat-triq x'ħin ġie investit mill-konvenut Galea Pace , u allura żgur li ma qabadx u qasam bl-addoċċ b'tali mod li lill-istess konvenut ikkrejalu emerġenza subitanea.

[20] Appell : George Scicluna vs Victor Cini .
[21] Appell Kriminali : Pulizija vs Wisq Nobli Anthony Cassar Desain : 13.1.1962 Kollez. vol. XLVI. iv. 765. .

Għalhekk ma jista' jkun hemm xejn x'wieħed jista' jiċċensura fil-komportament tiegħu, bil-konsegwenza li r-responsabilita' għal dan l-inċident għandha taqa' interament fuq il-konvenut Galea Pace.

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi ċivili. Madankollu, kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.[22] Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie.[23]

Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qligħ futur (*lucrum cessans*).

**Damnum Emergens:**

L-attur, jew aħjar il-ġenituri tiegħu, jispjegaw fid-dettal l-ispejjeż illi kellhom isiru in konnessjoni mal-feriti li ġarrab l-attur minħabba f'dan l-inċident, u dana f'konsulti ta' tobba, mediċini, u terapija, u dwar dawn ġew esebiti diversi riċevuti, permezz tan-nota tas-7 ta' Mejju 2004.[24] Flimkien dawn ilaħħqu s-somma ta' disa' mija u ħames liri maltin u ħamsa u erbgħin ċenteżmu u tnejn (Lm905.45,2), illum ekwivalenti għal: Eur 2109.70. Dawn il-kontijiet ma ġew ikkontestati bl-ebda mod, jidhru ġustifikati fiċ-ċirkostanzi

---

[22] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952 .
[23] Carmelo Fenech vs Antonio Galea ; vol. XL. I. 73 ; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech ; vol. XLII. II. 1019 .
[24] ara Dokti. RM21 sa RM30 a fol. 122 - 123 .

tal-każ u allura huma ripetibbli. Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu l-attur jgħid li jippretendi wkoll kumpens għal dak li jallega li qed iħallas lill-ġenituri tiegħu talli jwassluh kull fejn ikollhom bżonn.[25] Imma dwar dawn il-ħlasijet l-attur ma esebixxa ebda riċevuti. Tenut kont ukoll illi l-attur ġia kien qed ibati minn debilita' ta' għaxra fil-mija qabel ma seħħ l-inċident in kwistjoni,[26] u għalhekk il-fatt li ma jistax isuq żgur li m'għandux jiġi attribwit għal dan l-inċident, ma jista' jkun dovut xejn f'dan ir-rigward. Għall-istess raġuni, kuntrarjament għal dak li jippretendi l-attur fl-istess Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, m'hu dovut xejn għal serviġi simili li jistgħu jagħtuh il-ġenituri tiegħu fil-futur.

**Lucrum Cessan**s:

Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell: "*Jingħad illi l-qrati tagħna fil-pronunzjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom….. Diversi drabi l-qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'.*[27] Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża: *"Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.*[28] Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew

[25] a fol. 305 tergo tal-process .
[26] ara rapport ta' l-espert addizzjonali a fol. 95 tal-process .
[27] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002 .
[28] Francis Sultana vs. John Micallef et noe. et : Appell : 20.7.1994 .

rigorożament il-metodu stabilit għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjaħ il-*multiplier system* li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali.[29]

Meta seħħ l-inċident in kwistjoni, l-attur, li dakinhar kellu għoxrin sena, ma jidhirx li kien jaħdem. Jgħid pero' li kien ġie aċċettat biex jibda jaħdem mal-Westin Dragonara f'Awwissu ta' wara. Imma minħabba dan l-inċident ma setax jaħdem. Meta għamel l-affidavit tiegħu fl-2005, kien qed jaħdem l-MCAST bħala *assistant clerk* b'salarju nett ta' Lm270 fix-xahar.[30] Jidher illi għall-fini tal-komputazzjoni ta' l-ammont dovut f'dan ir-rigward, ir-rata ta' Lm400 fix-xahar, jew aħjar illum Eur 932, suġġerita mill-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijet tiegħu hija ġustifikata, tenut kont il-kapaċitajiet lavorattivi ta' l-attur, l-inflazzjoni u ż-żidiet fil-pagi li jingħataw minn żmien għall-ieħor.

L-esperti mediċi addizzjonali stabilew r-rata ta' diżabilita' permanenti li qed isofri minnha l-attur b'konsegwenza ta' l-inċident stradali mertu tal-kawża bħala waħda ta' ħamsa fil-mija (5%).[31] Fil-kawżi li segwew Butler vs Heard b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kenitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħla taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Illum il-ġurnata pero' meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjiżi qed itawwlu wkoll l-eta' tal-pensjoni, ma baqa' ebda raġuni

[29] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard : sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003
.
[30] ara affidavit ta' l-attur a fol 192 .
[31] ara rapport a fol. 96 /

għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha.[32] Kif ġia ngħad, meta seħħ dan l-inċident l-attur kellu 20 sena[33] u għalhekk kien għad baqagħlu ħajja lavorattiva ta' ħamsa u erbgħin (45) sena. Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk : Eur 11184 (media ta' paga bażi) x 45 (snin ta' ħajja lavorattiva) x 5% (debilita' permanenti) = Eur 25164. Minħabba l-*lump sum payment* għandu jitnaqqas is-solitu kwint, u għalhekk is-somma finali tiġi: Eur 25164 – Eur 5032.80 = Eur 20131.20 *.* Billi s-soċjeta' konvenuta Atlas Insurance Agency Limited ma kkontestatx il-fatt li l-konvenut l-ieħhor kien l-assikurat tagħhha, l-ammont likwidat huwa dovut mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

RI-EPILOGU

Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-attur in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti:

1. Damnum emergens: Eur 2109.70 +
2. Lucrum Cessans: Eur 20131.20

\- Total ta: Eur 22240.90

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenut Kurt Galea Pace unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minħabba fl-istess inċident, fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf, mitejn u erbgħin ewro u disgħin ċenteżmu (Eur22240.90); u

3. tikkundanna lill-konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu l-ammont hekk likwidat lill-attur.

---

[32] Agius vs.Galea et noe. : Kummerc : 11.7.1989; Buttigieg vs Azzopardi : Kummerc : 25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg:Prim'Awla : 8.5.1990 .
[33] ara okkorrenza tal-Pulizija a fol.154 tal-process .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali ta' l-10 ta' Settembru 1999, ikunu a karigu ta' l-istess konvenuti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------